MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 25/2023 LM

**Aikaterini Cheiuriou (K.I. nru. 196892A)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fis-16 ta' Ottubru, 2023 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda l-appell ippreżentat mir-rikorrenti **Aikaterini Cheiuriou (K.I. nru. 196892A)** [hawnhekk 'l-appellata']

mid-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali fil-konfront tagħha fit-3 ta' Marzu, 2022, kif ġej:

> *"Therefore the appeal is being accepted and the decision taken by the Director of the 3rd of March 2022 with regards to the appellant is declared null and void."*

**Fatti**

2. Permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu, 2022 mibgħuta mill-intimat, ir-rikorrenti ġiet infurmata li hija ma kienitx intitolata għall-assistenza soċjali, għaliex l-intimat ma kienx sodisfatt li hija l-kap tal-familja.

3. Permezz ta' ittra datata 14 ta' Marzu, 2021 *[sic!]* li bagħtet lill-intimat, ir-rikorrenti qalet li hija l-kap tal-familja, u li hi u żewġha kienu ddivorzjaw f'Novembru, 2021, u li hija għandha l-kustodja tat-tliet uliedha, li kellhom 5 snin, 10 snin u 15-il sena. Qalet li l-ex-raġel tagħha ma kienx ħareġ mid-appartament fejn kienu jgħixu għaliex jivvjaġġa ħafna, u sabha komda li għandu lilha fl-appartament tieħu ħsieb kollox u li jkun jista' jara lil uliedu meta jirritorna Malta. Qalet li hija tixtieq toħroġ mill-appartament, imma m'għandhiex flus biżżejjed biex tkun tista' tagħmel dan, u diffiċli ħafna għaliha li ssib tikri meta hija m'għandhiex xogħol. Qalet li hija ppruvat issib taħdem *part-time* filgħodu biss, biex tkun tista' tieħu ħsieb it-tfal, imma ma rnexxiliex.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb fis-17 ta' Ġunju, 2022, u qal li r-rikorrenti kienet applikat għall-Assistenza Soċjali fis-17 ta' Frar, 2022, u l-applikazzjoni tagħha kienet ġiet miċħuda għaliex dak iż-żmien ir-rikorrenti u r-raġel tagħha Konstantinos Chamalelis (ID 196891 A) kienu qegħdin jgħixu fl-

istess appartament. Minħabba f'hekk, l-intimat ma kienx konvint li r-rikorrenti kienet il-kap tal-familja, u fit-3 ta' Marzu, 2022 huwa għarrafha bid-deċiżjoni tiegħu. L-intimat qal li l-appell tar-rikorrenti quddiem l-Arbitru ma kienx dwar punt ta' liġi u/jew prinċipju ta' importanza u għandu jiġi miċħud.

5. Waqt is-seduta quddiem l-Arbitru tal-21 ta' Novembru, 2022, ir-rikorrenti qalet li hija ma kienitx għadha miżżewġa, għalkemm hi u l-ex-raġel tagħha għadhom jgħixu fl-istess appartament. Qalet li ex-raġel tagħha iħallasha €200 fix-xahar bħala manteniment għat-tfal u hija tħallas għal bqija. L-eks-raġel tagħha jgħix fl-istess appartament għaliex jgħid li ma jiflaħx iħallas biex ikollu appartament għalih. Ir-rikorrenti qalet li hija student l-Università, u qiegħda titlob li tingħata l-benefiċċju soċajli għall-erba' snin li ġejjin sakemm tlesti l-kors tagħha għaliex ma tistax tapplika għal xogħol sakemm għadha tistudja u tieħu ħsieb it-tfal. Qalet ukoll li kienet ilha Malta għal madwar erba' snin u nofs minn meta l-ex-raġel tagħha kien sab xogħol f'Malta. Qalet li hija ma tistax tirritorna lura l-Ġreċja.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni appellata, l-Arbitru iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi milqugħ, u ddikjara d-deċiżjoni tal-intimat tat-3 ta' Marzu, 2022 bħala nulla u bla effett, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"The Umpire*

*This appeal is with regard to the Decision dated 03.03.22. taken by the Director where it was declared that the appellant was not entitled to social assistance since she was not the Head of the Family.*

*Appellant stated in her appeal that she is divorced and is looking after her three children aged 5, 10 and 13 years old. She needs the assistance.*

*In his reply, the Director stated that at the time of the application appellant and her husband Kostantinos Chamalelis were living in the same household.*

*The appellant in the sitting of the 21.11.22 stated that her ex-husband pays her maintenance of €200 per month as maintenance for the children and she pays the rest of the needs of the children. Her ex-husband resides in the same residence since he cannot afford to pay rent elsewhere. At this moment in time she is studying at university and cannot work until she finishes her course. The divorce agreement (copy of) was filed by the appellant confirming her single status from the 13.11.2021. – decision by the Greek Authorities. From this document it transpires that the amount of €2,000 is to be paid in maintenance to the appellant by her ex-husband. Furthermore, a copy of a rental agreement indicating the rental fee of €9,000 was also filed.*

***Considerations***

*The decision that has to be taken by the Umpire refers to a decision by the Director that the appellant was not the head of the household in question. As to the needs of the appellant, although it would seem clear that she requires assistance, this need, by itself, is not enough. Any such needs requires confirmation at law that such need/assistance is accordable.*

*The matter is one of Head of Household. From the relative documentation it appears clear that the household comprises of the appellant and her three minor children. The presence of her ex-husband in the same premises is one based upon necessity since he cannot afford, in his present unemployed state, to find a residence elsewhere. The fact of him residing in the said premises does not of itself negate the situation of the appellant as the head of the household. The divorce declaration makes it amply clear that the parties are no longer legally entitled or bound to live together. The practical nature of the accommodation for the time being does not, in the Umpire's opinion negate the fact that the appellant is in effect the Head of the Household.*

*Therefore the appeal is being accepted and the decision taken by the Director on the 3rd of March, 2022 with regards to the appellant is declared null and void."*

**<u>L-Appell</u>**

7. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-20 ta' Novembru, 2023, id-Direttur Ġenerali intimat talab lil din il-Qorti tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' Marzu, 2022.

8. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u l-aggravju tiegħu huwa ċar u manifest, u jikkonsisti fin-nullità tad-deċiżjoni appellata *ai termini* tal-artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress li l-Arbitru ddeċieda li jilqa' l-appell tal-appellat minkejja n-nuqqas ta' digriet ta' rikonoxximent tal-Qrati Maltin rigwardanti l-att ta' divorzju tal-appellata. L-appellant qal li mid-deċiżjoni appellata joħroġ ċar illi l-Arbitru żbalja meta qies l-iskrittura tad-divorzju mingħajr ma talab konferma li tali divorzju huwa rikonoxxut *ai termini* tal-Liġijiet ta' Malta. Qal illi bla ħsara għall-ewwel aggravju, jirriżulta li l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 102 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll meta ddeċieda li l-appellata hija l-kap tal-familja.

9. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, iżda fis-seduta li saret quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2024, l-avukat difensur tal-appellata għamel is-sottomissjonijiet *viva voce* tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellata.

*L-Aggravju:* *[L-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi miġjuba quddiemu u applika l-liġi b'mod skorrett]*

11. L-appellant qal li l-aggravju tiegħu huwa ċar u manifest, u jikkonsisti f'li l-Arbitru kien żbaljat meta bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq jekk l-appellata hijiex il-kap tal-familja, fuq l-iskrittura ta' divorzju datata l-20 ta' Diċembru, 2021 magħmula fil-Greċja, liema skrittura ma ġietx rikonoxxuta mill-Qrati nazzjonali u għaldaqstant l-Arbitru ma seta' qatt jikkunsidra tali dokument bħala prova aktar u aktar meta bbaża d-deċiżjoni tiegħu esklussivament fuq tali prova.

12. Il-Qorti tirrileva li mill-atti ta' quddiem l-Arbitru, ma jirriżultax illi l-appellant b'xi mod oġġezzjona għall-produzzjoni tal-kopja tal-iskrittura ta' divorzju datata l-20 ta' Diċembru, 2021, jew insista li tiġi prodotta l-aħjar prova fir-rigward tal-imsemmi dokument. Il-kontestazzjoni dwar l-ammissibbiltà tal-imsemmija prova, kellha ssir l-ewwel u qabel kollox quddiem l-Arbitru. Il-fatt li din l-eċċezzjoni ma ġietx imressqa quddiem l-Arbitru, ifisser li l-appellant aċċetta li tiġi prodotta tali prova.

13. L-appellant jgħid ukoll li jirriżulta li l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 102 tal-Liġijiet ta' Malta, meta fil-fatt fid-deċiżjoni tal-Arbitru, imkien ma jissemma l-Kap. 102 tal-Liġijiet ta' Malta, li a propożitu huwa 'l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni', li m'għandu x'jaqsam xejn mal-vertenza odjerna.

14. L-appellant isostni li l-qofol tal-każ odjern kien jekk fil-mument tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-3 ta' Marzu, 2022, u abbażi tad-dokumentazzjoni prodotta, dan kienx korrett li jiddeċiedi li l-appellata ma kienitx il-kap tal-familja. Fid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru rrimarka li skont id-dokumentazzjoni li ġiet esebita, l-*'household'* f'dan il-każ hija magħmula mill-appellata u t-tliet itfal minuri tagħha. L-Arbitru qal ukoll li l-preżenza tal-ex-raġel tagħha fl-istess appartament, hija waħda bbażata fuq in-neċessità għaliex peress li m'għandux xogħol, huwa ma jiflaħx iħallas biex jikri x'imkien ieħor. L-Arbitru qal li l-fatt li l-ex-raġel tal-appellata qiegħed jgħix fl-istess appartament, minnu nnifsu ma jinnegax is-sitwazzjoni tal-appellata bħala l-kap tal-familja. L-Arbitru qal li d-dikjarazzjoni ta' divorzju tagħmilha ċara ampjament li l-appellata u l-ex-raġel tagħhom m'għadhomx legalment intitolati jew obbligati li jgħixu flimkien. In-natura prattika tal-akkomodazzjoni għal issa, fil-fehma tal-Arbitru ma tinnegax il-fatt li l-appellata hija effettivament il-kap tal-familja.

15. Il-Qorti tirrileva li l-appellata, fl-appell tagħha quddiem l-Arbitru, ma qalitx li l-ex-raġel tagħha m'għandux xogħol, imma għal kuntrarju qalet li huwa jaħdem barra minn Malta, u minħabba f'hekk ikollu jivvjaġġa ħafna. Qalet li meta jkun Malta, huwa joqgħod fl-istess appartament magħha Flat A, 84, Triq iż-Żebbiegħ, l-Imġarr, Malta, biex ikun jista' jara lit-tfal. Mill-banda l-oħra, fix-

xhieda tal-appellata quddiem l-Arbitru mogħtija waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2022, hija qalet li ilha tirrisjedi f'Malta għal dawn l-aħħar erbgħa snin u nofs, minn meta l-ex-raġel tagħha kien sab xogħol f'Malta. Mhuwiex ċar għalhekk jekk l-ex-raġel tal-appellata jgħix il-ħin kollu fl-istess appartament mal-appellata u t-tfal tagħhom għaliex m'għandux impjieg skont kif ġie kkonstatat mill-Arbitru jew għax għandu xogħol f'Malta skont ix-xhieda tal-appellata quddiem l-Arbitru, jew inkella jgħix biss fl-istess appartament mal-appellata u uliedhom fil-ġranet tal-*leave* tiegħu meta ma jkunx qiegħed jaħdem barra minn Malta, kif kienet qalet l-appellata fl-appell oriġinali tagħha quddiem l-Arbitru.

16. Mid-dokumentazzjoni prodotta mid-Direttur Ġenerali appellant, jirriżulta li l-ex-raġel tal-appellata jikri l-appartament Flat A, 84, Triq iż-Żebbiegħ l-Imġarr, Malta fejn jgħixu l-appellata u uliedha, b'kera ta' €750 fix-xahar, u għalhekk l-appellata għadha sa ċertu punt tiġi mantnuta mill-ex-raġel tagħha. Barra minn hekk, skont il-kuntratt ta' divorzju (pg. 4), l-ex-raġel tal-appellata jħallasha s-somma ta' €2,000 fix-xahar bħala manteniment għat-tfal, u mhux is-somma ta' €200 fix-xahar kif xehdet l-appellata quddiem l-Arbitru waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2022. Meta wieħed jikkunsidra manteniment ta' €2,000 u mhux ta' €200 fix-xahar, jibda jagħmel aktar sens dak li qiegħda tagħmel l-appellata li ma tfittix xogħol f'Malta, waqt li hija studenta l-Università u qed trabbi tliet itfal minuri.

16. Il-Qorti tqis li indipendentement mill-kwistjoni tal-i*status* tal-appellata u tal-ex-raġel tagħha wara li kisbu d-divorzju, meta dan id-divorzju ma jidhirx li ġie rikonoxxut għall-finijiet tal-liġi Maltija, jibqa' l-fatt li l-appellata u l-ex-raġel tagħha, allavolja divorzjati, għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf, u l-appellata

qiegħda tiġi mantnuta mill-ex-raġel tagħha, tant hu hekk li hija taffordja tkun studenta l-Università, mingħajr ma toħroġ taħdem.

17. In vista tal-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet kbar fil-verżjonijiet differenti tal-fatti li tat l-appellata lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u eventwalment anki quddiem l-Arbitru, il-Qorti tqis li l-appellata ma seħħiliex tipprova, kif kienet tenuta li tagħmel, li hija għandha tiġi kkunsidrata bħala l-kap ta' familja għall-finijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-3 ta' Marzu, 2022.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**